



Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni tipprepara sabiex tilqa' Mħallfin addizzjonali

Id-dħul fil-kariga tal-Imħallfin addizzjonali ser ikun it-tielet stadju tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Istatut") jikkostitwixxi l-qafas legali tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-regolament jipprevedi żieda fin-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, żieda li kellha titwettaq fi tliet stadji suċċessivi bil-għan li, sa Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali tkun komposta minn żewġ Imħallfin minn kull Stat Membru.

Il-Qorti Ġenerali, li attwalment hija komposta minn 46 Imħallef, ser tilqa' fi ħdana seba' Mħallfin addizzjonali fis-26 ta' Settembru 2019. It-teħid ta' ġurament minn dawn l-Imħallfin il-ġodda ser ikun it-tielet u l-aħħar stadju ta' din ir-riforma, li nbdiel fi-2015.

F'dan id-dawl, il-Qorti Ġenerali adottat miżuri ta' natura diversa sabiex takkomoda l-bidla fid-daqs tal-qorti u sabiex il-kulleġġ estiż ikun jista' jaħdem b'mod effettiv.

Fl-ewwel lok, l-organizzazzjoni tal-qorti kienet is-suġġett ta' evalwazzjoni ġdida fid-dawl tan-numru ikbar ta' Mħallfin li ser jikkostitwixxu din il-qorti. In-numru ta' awli tal-Qorti Ġenerali ser jiżjed minn disa' għal għaxra. Kull awla ser tkun komposta minn ħames Imħallfin, bla ħsara għall-possibbiltà li jitwaqqfu awli komposti minn sitt Imħallfin meta jkun nħatru l-Imħallfin kollha.

Fit-tieni lok, sabiex tkun possibbli kompożizzjoni iktar diversifikata tal-kulleġġi ġudikanti, il-mod ta' kompożizzjoni tagħhom ġie rrevedut. Fil-preżent, l-awla b'ħames Imħallfin tinqasam f'żewġ kulleġġi permanenti ppreseduti mill-istess President ta' awla. Fil-futur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li żżid in-numru ta' kulleġġi ġudikanti billi tapplika rotazzjoni tal-Imħallfin. Awla ta' ħames Imħallfin ser tippermetti li jiġu komposti sitt kulleġġi ġudikanti u awla b'sitt Imħallfin ser tippermetti li jiġu komposti għaxar kulleġġi ġudikanti.

Fit-tielet lok, il-mod ta' kompożizzjoni tal-Awla Manja (komposta minn 15-il Imħallef) ġie emendat sabiex l-Imħallfin li ma jkunux Presidenti ta' awla jkun jistgħu jpoġġu f'dan il-kulleġġ meta jkun hemm każijiet suċċessivi fejn kawża tintbagħat quddiem l-Awla Manja. B'differenza mill-mod ta' kompożizzjoni attwali, li jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-President, tal-Viċi President, tal-Presidenti ta' awla kollha u tal-Imħallfin tal-awla li lilha kienet inizjalment assenjata l-kawża, il-mod il-ġdid ta' kompożizzjoni jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-President, tal-Viċi President, ta' numru limitat ta' Presidenti ta' awla, tal-Imħallfin tal-awla li lilha kienet inizjalment assenjata l-kawża u Mħallfin oħra magħżula b'mod alternattiv skont l-ordni ta' anzjanità tagħhom u skont l-ordni invers tal-anzjanità tagħhom.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tispeċjalizza l-awli tagħha. B'hekk, fost l-għaxar awli tal-Qorti Ġenerali, erba' awli ser jittrattaw il-kawżi dwar is-servizz pubbliku¹ u sitt awli ser jieħdu

¹ Dawn huma r-rikorsi ppreżentati fuq il-bażi tal-Artikolu 270 TFUE u, jekk ikun il-każ, fuq l-Artikolu 50a tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

konoxxenza tal-kawżi dwar il-proprjetà intellettwali ². Il-kawżi l-oħra kollha ser jitqassmu bejn l-awli kollha.

F'dan il-kuntest, u filwaqt li aġġustatha sabiex tiegħu inkunsiderazzjoni l-ispeċjalizzazzjoni relattiva tal-awli, il-Qorti Ġenerali żammet is-sistema tagħha dwar l-assenjazzjoni tal-kawżi prevista fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, li hija bbażata fuq ir-regola tal-awla li jkun imissha, bla ħsara għal derogi minn din ir-regola bbażati fuq l-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet bejn ċerti kawżi (bħalma huma kawżi li jkollhom l-istess suġġett jew li jagħmlu parti mill-istess sensiela jew li jkollhom xebh legali) u fuq it-tqassim ibbilanċjat tal-volum tax-xogħol.

Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-President u tal-Viċi President fl-attività ġudizzjarja. Għal raġunijiet marbuta mal-portata tar-responsabbiltajiet tagħhom, ġie kkonfermat li l-President u l-Viċi President ma humiex ser ikunu qegħdin jipparteċipaw b'mod sħiħ bħala Mħallfin fil-kulleġġi ġudikanti. Għall-kuntrarju, ġie deċiż li l-President ser jibda jissostitwixxi Mħallf li jkollu impediment (attwalment din is-sostituzzjoni titwettaq mill-Viċi President). Barra minn hekk, il-Viċi President, li r-responsabbiltà ewlenija tiegħu ser tibqa' dik li jikkontribwixxi sabiex tinżamm il-koerenza tal-ġurisprudenza, ser ipoġġi fil-kulleġġi ġudikanti estiżi ta' ħames Imħallfin f'kawża waħda kull awla u kull sena.

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Ġenerali ġew ippubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u huma diġà aċċessibbli fuq is-sit Curia ³.

[Kompożizzjoni tal-Awla Manja](#) (ĠU 2019, C 172, p. 2)

[Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli](#) (ĠU 2019, C 246, p. 2)

[Metodu ta' ħatra ta' Mħallf li jissostitwixxi lil Imħallf impedit](#) (ĠU 2019, C 263, p. 2)

Dawn id-deċiżjonijiet ittiegħdu għall-perijodu bejn is-26 ta' Settembru 2019 u l-31 ta' Awwissu 2022.

Permezz ta' din is-sensiela ta' miżuri, il-Qorti Ġenerali, bl-assistenza tar-Reġistru tagħha u tad-dipartimenti komuni tal-Istituzzjoni, għandha l-intenzjoni li, fl-interess tas-suġġetti tad-dritt, tiset l-ikbar vantaġġ possibbli mit-tkabbir tal-kulleġġ tagħha kif mixtieq mil-leġiżlatur. L-għan li jingħataw deċiżjonijiet ta' kwalità fl-iqsar żmien possibbli jibqa' l-prijorità permanenti tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

² Dawn huma r-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO).

³ Għandu jingħad li, għall-perijodu bejn l-1 ta' Settembru u s-26 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali adottat deċiżjoni dwar l-iżvolġiment tal-attività ġudizzjarja (ĠU 2019, C 238, p. 2).